# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru 2020

**Rikors Numru : 512/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MS**

**Vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MS datat 8 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija żżewwġet lill-intimat JB, fis-seba' (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta (ċertifikat taż-żwieġ anness bħala dok A).*

*Illi dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) hawn anness bħala* Dokument B.

*Illi minn dakinhar sa' llum, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u dejjem għexu separatament.*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi bejn il-partijiet.*

*Illi r-rikorrent trid li dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li għandu jiġi ppronunzjat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fis-seba' (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax ( 2012 ), fil-Knisja Parrokjali ta' Ħaz-Zebbuġ Malta.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex entro terminu ffissat minnha jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Malta bid-deċiżjoni tagħha ai termini tas-subinċiż erba' (4) tal-artikolu sitta u sittin, ittra A (66A) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu XVI) tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JB, datata 23 ta' Jannar 2020 a fol 9, li taqra hekk:

1. *Illi permezz tagħha jiddikjara li huwa ma jopponix għad-divorzju.*

2. *Li huwa ma għandux ibati l-ispejjeż ta' dan id-divorzju stante li kienet ir-rikorrenti li talbitu.*

Rat id–digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2020 li permezz tieghu ordnat lill-partijiet jipprezentaw affidavits u dokumenti illi fuqhom qed jistriehu in sostenn tat-talbiet taghhom;

Rat ir-rikors tal-attrici ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex il-Qorti tammeti l-affidavit tal-istess attrici;

Rat id-digriet ta din il-Qorti li biha laqghet it-talba;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' affidavat taghha datat 13 ta' Novembru 2020, MS xedhet illi hija zzewwget lil JB fis-7 ta' Lulju 2012 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfat il-partijiet issepraw permezz ta kuntratt ta separazzjoni f'atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono datatat 24 ta' Gunju 2014. L-attrici iddikjarat li hi u zewgha kienu sseparati de facto ftit aktar minn sitt xhur qabel ma iffirmaw is-separazzjoni. Sostniet illi min dakinhar sal-lum, hija qatt ma rrikonciljat ma zewgha u li ma kienx hemm ebda pendenza ta' manteniment.

Il-Qorti rat illi l-intimat naqas milli jippresenta affidavit tieghu minkejja li fir-risposta tieghu sostna illi huwa mhux qed jopponi ghal ghoti tad-divorzju.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Lulju 2012 (Vide Dok A fol 3) u jingħad illi mill-atti ma jirriżultax jekk il-partijiet kellhomx ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, datat 24 ta' Ġunju 2014 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar minn erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**